# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru: 675/2019 TA**

**Joseph Borg (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 343663(M) u Elizabeth Borg (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 424265 (M)**

**Vs**

**Daniel Darmanin (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 71144 M) u Marcelle Darmanin (detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 890245M)**

**U**

**ICI Limited (C33815) u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2021 ġew imsejħa fil-kawża il-konjuġi Peter Mamo (K.I. 76950 M) u Marthese Mamo (K.I. 569350M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-raba' eċċezzjoni ta' Peter u Marthese konjuġi Mamo li ġew fejn talbu il-kjamata in kawża tal-Awtorita' tal-Artijiet (a' fol 244).

Rat il-verbal tas-16 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi dwar din it-talba fi stadju ulterjuri (a' fol 257).

Rat ukoll il-verbal tal-4 ta' April 2022 fejn din il-Qorti li ser tkun qed tipprovdi dwar din it-talba wara li tisma' x'għandu xi jgħid id-dipartiment u ċioe' l-Awtorita' tal-Artijiet (a' fol 302).

Semgħet lir-rappreżentant tal-Awtorita' jixhed (a' fol 313 u a' fol 318)

Rat l-atti kollha tal-Kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum fost oħrajn biex jingħata digriet dwar it-talba inkwistjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Jirriżulta anke mir-raba' eċċezzjoni li ċ-ċens mertu ta' din l-eċċezzjoni jitħallas lill-Joint Office u mhux lill-Awtorita' imsemmija li huma żewġ entitajiet differenti.

Xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita', li hija lakonika, ma jirriżultax b'mod ċar x' inhuwa l-interess tal-Awtorita'.

Għalkemm l-Istitut tal-kjamat in kawża huwa maħsub li ma jippermettiex proliferazzjoni ta' Kawżi ma jidhirx mad-daqqa t'għajn li dan huwa l-każ. L-anqas ma jidher, li huwa l-każ li l-Awtorita' ser issofri xi preġudizzju, għaliex jekk hemm ċens dovut dan ser jibqa' jitħallas lid-direttarju.

Il-Qorti tirrikonoxxi, li jekk tippermetti li tkun kjamata l-Awtorita' inkwistjoni, tkun biss qed tikkontribwixxi għall-aktar prolungament ta' dawn il-proċeduri bla bżonn.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talba sabiex tkun kjamata fil-Kawża l-Awtorita' tal-Artijiet.

Spejjeż a' karigu tal-kjamati fil-Kawża konjuġi Mamo.

**Illum 10, ta' Jannar, 2023**

**Imħallef Toni Abela**